# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-11 ta' Novembru 2024**

**Talba nru. 283/2020 IS**

**CITADEL INSURANCE PLC (C 21550) KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TA' L-ASSIGURAT TAGĦHA MALCOLM GATT, BIL-POLZA U BIL-LIĠI, U L-ISTESS MALCOLM GATT (I.D. 0248682 M))**

***VERSUS***

**JOSEPH SGHENDO (I.D. 525554 M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2022 (a fol. 1), l-atturi talbu s-somma ta' seba' mija u wieħed u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 731.12) rappreżentanti danni sofferti mill-attur Malcolm Gatt fuq il-vettura tiegħu MLC-582 assigurata mis-soċjeta' attriċi Citadel Insurance plc liema danni kienu mħallsa mill-atturi u dan minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u/jew non-osservanza ta' regolament min-naħa tal-konvenut kif ukoll l-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 1195/2022 u l-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-konvenut fit-23 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra illi l-konvenut ippreżenta ir-risposta tiegħu fis-17 ta' Novembru 2020 (a fol. 8).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fl-24 ta' April 2024, l-atturi għalqu il-provi tagħhom (a fol. 90).

Ra illi fit-3 ta' Lulju 2024, il-konvenut għalaq il-provi tiegħu (a fol. 96).

Ra illi fit-3 ta' Lulju 2024, il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom (a fol. 96).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Dan it-Tribunal seta' jara illi għalkemm hemm punti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet, kemm l-atturi u kemm il-konvenut qablu mill-ewwel illi d-data tal-inċident hija bejn l-10 u l-11 ta' Diċembru 2021, u dan hekk kif joħroġ mir-rapport tal-Pulizija li għamel l-attur Malcolm Gatt (a fol. 32) u mix-xhieda tal-konvenut (a fol. 97).

Anqas ma hu kontestat bejn il-partijiet illi l-vettura tal-attur kienet ipparkjata fi Triq Mahatma Gandhi l-Fgura meta tali vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MLC-582 ġarrbet il-ħsarat u dan skond ix-xhieda ta' PC 418 Jeremy Fenech (a fol. 58), tal-attur Maclolm Gatt (a fol. 66) u tal-konvenut (a fol. 97 u 106).

Anqas ma hu kontestat bejn il-partijiet illi l-vettura tal-attur Malcolm Gatt hawn fuq indikata kienet inxurjata ma' Citadel Insurance plc bejn l-10 u l-11 ta' Diċembru 2021 u ċioe' meta din il-vettura ġarrbet il-ħsarat.

Fir-rigward tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet, l-atturi intavolaw din it-talba peress illi huma allegaw illi il-vettura tal-attur Malcolm Gatt bin-numru tar-reġistrazzjoni MLC-582 assiguarata mis-soċjeta' attriċi Citadel Insurance plc soffriet danni minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u/jew non-osservanza ta' regolament min-naħa tal-konvenut peress illi waqa' l-għatu tat-tank tal-ilma tal-konvenut fuq l-imsemmija vettura. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jgħid illi huwa mhuwiex responsabbli għal dawn id-danni li ġarrbet il-vettura tal-attur Malcolm Gatt.

Fid-dawl ta' din il-kontestazzjoni, dan it-Tribunal ser jgħaddi sabiex l-ewwel jiddetermina b'mod ċar jekk l-attur huwiex verament sid il-vettura hawnhekk imsemmija, imbagħad dan it-Tribunal ser jiddetermina ta' min kien l-għatu tat-tank tal-ilma u wara ser iħares lejn il-ħsarat fuq il-vettura hawnhekk imsemmija u fl-aħħar l-ammont dovut f'danni u spejjeż, jekk hemm, mill-konvenut lill-atturi.

Sid il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MLC-582

Is-soċjeta' attriċi ippreżentat *Insurance Survey Report* li jinsab a fol. 20 li turi b'mod ċar li l-attur Malcolm Gatt huwa sid il-vettura hawn fuq imsemmija.

Ir-rapport tal-Pulizija, liema jinsab a fol. 32, ukoll juri b'mod ċar li l-attur Malcolm Gatt huwa sid il-vettura hawn fuq imsemmija.

L-attur Malcolm Gatt ukoll xehed fit-23 ta' Novembru 2023, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 67, illi huwa sid il-vettura hawn fuq imsemmija, fejn xehed is-segwenti:

*"Dr Rose Galea Testaferrata: …Issa kkonfermalna ftit in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura tiegħek.*
*Xhud: MLC – 582."*

B'dan illi t-Tribunal m'għandu ebda dubju illi l-attur Malcolm Gatt huwa sid il-vettura li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni MLC-582.

<u>L-għatu tat-tank tal-ilma</u>
L-atturi jikkontendu fit-talba tagħhom illi l-vettura tal-attur Malcolm Gatt bin-numru tar-reġistrazzjoni MLC-582 ġarrbet diversi ħsarat minħabba li waqa' fuqha għatu tat-tank tal-ilma li jappartjeni lill-konvenut.

It-Tribunal ser iħares jekk hemmx ċertezza morali illi dan l-għatu tat-tank tal-ilma verament jappartjeni lill-konvenut qabel ma jħares lejn il-ħsarat li setgħet ġarrbet il-vettura hawnhekk imsemmija u dan għaliex jekk dan it-Tribunal jikkonkludi illi l-għatu tat-tank tal-ilma ma jappartjenix lill-konvenut, dan it-Tribunal ma jkollux għalfejn iħares lejn il-ħsarat li l-imsemmija vettura setgħet ġarrbet.

F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal ħares lejn il-kopja tar-rapport tal-Pulizija ppreżentat mill-attur u li jinsab a fol. 31 u 32 fejn dan ir-rapport jipprovdi illi *"Nhar it-28 ta' Jannar il-pulizija saru jafu lil-ghatu kien ta' Joseph Sghendo (525554M) gie nfurmat li kien sar rapport fil-konfront tieghu, fejn infurma lil-pulizija li l-ghatu kien tieghu u biddel it-tank kollhu."*

PC 418, Jeremy Fenech, ukoll ikkonferma illi l-konvenut huwa sid l-għatu tat-tank tal-ilma meta xehed fit-23 ta' Novembru 2023, fejn liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 59, fejn xehed illi *"Joseph Sghendo jiġi s-sid it-tank; ikkonfermalna hu li kien sid it-tank. U kien qalilna li l-għatu kien tiegħu u kien biddel it-tank kollu."*

Il-konvenut stess ukoll ikkonferma diversi drabi meta xehed fit-3 ta' Lulju 2024 illi l-għatu tat-tank tal-ilma huwa tiegħu, fejn fil-fatt huwa xehed illi *"…U mort insomma l-għassa ta' Raħal Ġdid u qed jgħidli b'dan il-każ. Għedtlu isma', għidtlu jien niċħad li t-tank m'huwiex tiegħi, għedtlu pero' għamilt il-homework li kelli nagħmel, għedtlu bagħat għal plumber tiegħi għedtlu biex nara jekk kienx it-tank tiegħi … qalli Joe dak l-għatu … qalli dak it-tank tiegħi. U jien lis-surġent għedtlu l-verita'…"* (a fol. 98). Kompla imbagħad jixhed, liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 100 u 101, is-segwenti:

*"Dr Rose Galea Testaferrata: Imma inti qed tghidilna dak inhar l-ghatu tiegħek kien hemmhekk fuq il-bejt?*
*Xhud: Ma kienx fuq il-bejt.*
*Dr Rose Galea Testaferrata: Ma kienx fuq il-bejt.*
*Xhud: …għax … kien qiegħed isfel … isfel.*

*Dr Rose Galea Testaferrata: Issa sinjur, meta inti tlajt fuq il-bejt sewwa?, ngħid sew illi t-tank tiegħek kien mingħajr għatu?*
*Xhud: Meta sirt naf li hu t-tank tiegħi iva …*
*Dr Rose Galea Testaferrata: …Dak inhar meta mort tlajt fuq il-bejt ngħid sew illi t-tank tiegħek ma kellux l-għatu fuqu … kien nieqes?*
*Xhud: … iva dak l-għatu …*
…
*It-Tribunal: … hu qed jgħid, ikkoreġini sinjur jekk hux qed ngħid is-sewwa, hu qed jixhed hawnhekk u qed jgħid jien dak il-hin ma stajtx inkun naf jekk l-għatu tiegħi hux l-għatu tiegħi jew le … imma mbagħad ġie il-plumber u kkonferma li dak it-tank huwa tiegħi jiena rajt it-tank mingħajr għatu u għedt mela dak l-għatu tiegħi.*
*Xhud: Ma stajtx niċħad; ma stajtx niċħad hu! …*"

Il-konvenut ikkonferma wkoll fix-xhieda tiegħu illi huwa wkoll ikkonferma mal-Pulizija li l-għatu tat-tank tal-ilma kien tiegħu, fejn fil-fatt xehed "*Iva u anke mal-pulizija ammettejt*." (a fol. 102) u anke illi l-għatu tat-tank tal-ilma kien tar u biddel it-tank sabiex ma jerġax jiġrilu bħal ma kien ġara f'dan il-każ. Fil-fatt huwa xehed fl-istess ġurnata hawnhekk imsemmija illi "*Meta meta sirt naf li t-tank hu tiegħi, dak l-għatu mikfux, tajjeb?, u l-plumber għedtlu ejja … mela ejja nibdluh għedtlu għax ma rridx li jerġa' jiġri l-istess kummiedja!*" (a fol 102).

Għaldaqstant, dan it-Tribunal huwa moralment konvint illi l-għatu tal-ilma li huwa parti mill-kwistjoni kien jappartjeni lill-konvenut.

<u>Ħsarat fuq il-vettura MLC-582</u>
Ġjaladarba dan it-Tribunal huwa konvint illi l-attur Malcolm Gatt huwa sid il-vettura li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni MLC-582 u li l-għatu tat-tank tal-ilma kien tal-konvenut, issa dan it-Tribunal ser jiddetermina kif il-vettura ġarrbet tali ħsarat u liema kienu dawn il-ħsarat illi din il-vettura ġarrbet.

L-attur Malcolm Gatt xehed fit-23 ta' Novembru 2023 fid-dettall kif seħħew il-ħsarat, fejn din il-parti mix-xhieda tinsab a fol. 66 u 67, fejn xehed is-segwenti:

"*Xhud: … qaluli li għandi għatu ta' tank u għamlitli l-ħsara fil-karozza…*
…
*Xhud: Rajt għatu illi qiegħed maqlugħ … li spiċċa fuq il-karozza tiegħi mal-art.*"

Anke PC 418 Jeremy Fenech xehed fit-23 ta' Novembru 2023, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 58, illi "*… il-kwerelant stqarr miegħi li kien hemm għatu ta' tank li kien waqa' u kien laqat il-vettura tiegħu. Aħna morna fuq il-post Triq Mahatma Gandhi fejn l-għatu tat-tank kien qiegħed mal-bankina, u ressaqnieh u għamilnieh maġenb ta' binja…*"

Minn dawn iż-żewġ verżjonijiet ta' xhieda, wieħed jista' jargumenta li ma jistax ikun

hemm ċertezza morali li l-ħsarat li ġarrbet il-vettura tal-attur Malcolm Gatt kienu minħabba l-għatu tat-tank tal-ilma li kien jappartjeni lill-konvenut.

Biss pero', l-attur xehed ukoll fit-23 ta' Novembru 2023 illi persuna li xtaqet tibqa' anonima infurmatu illi rat l-għatu tat-tank tal-ilma tal-konvenut jaqa' fuq il-karozza (a fol. 70). F'dan ir-rigward, ir-rappreżentanza legali tal-konvenut ittenta jargumenta illi ġjaladarba l-attur ma rax tali incident b'għajnejh u din il-persuna riedet tibqa' anonima, mela huwa biss sa ċertu punt fejn tali xhieda tista' tkun importanti. Pero' dan it-Tribunal jirrileva illi fil-kamp ċivili, it-Tribunal għandu biss ikollu dik iċ-ċertezza morali fuq bażi ta' probabbilita', u dan kif ukoll l-Onorabbli Qorti diversement presjeduta fis-sentenza ***Marco Borg (K.I. 0567565M) vs. Piero Drago (K.I. 0507991M)***[1] ikkonkludiet.

Dan it-Tribunal seta' jkollu dik iċ-ċertezza morali illi tali ħsarat li ġarrbet il-vettura tal-attur seħħew bl-għatu tat-tank tal-ilma hawnhekk imsemmi u li kien jappartjeni lill-konvenut għaliex ir-ritratti illi l-atturi ippreżentaw u li jinsabu a fol. 38 sa 40 juru b'mod ċar illi dawn il-ħsarat saru minn dan l-għatu tat-tank tal-ilma għal tliet raġunijiet. Fir-rigward ta' dawn ir-ritratti, l-attur Malcolm Gatt xehed fit-23 ta' Novembru 2023 li dan is-sett ta' ritratti hawnhekk indikati ħadhom hu mill-ewwel kif kien infurmat b'dak li kienet ġarrbet il-vettura tiegħu (a fol. 71). Iż-żewġ raġunijiet għaliex hemm in-ness bejn il-ħsarat li ġarrbet il-vettura tal-attur u l-għatu tat-tank tal-ilma tal-konvenut huma hawnhekk indikati. L-ewwelnett, il-kulur tal-għatu tat-tank tal-ilma mir-ritratti huwa ċar illi huwa abjad u l-grif fuq il-vettura huma tal-kulur abjad. It-tieni, il-grif li ġarrbet il-vettura jikkompaċu fuq bażi ta' probabbilita' illi seħħew meta l-għatu tat-tank tal-ilma waqa' u laqat il-vettura. Fil-fatt, l-attur Malcolm Gatt xehed fit-23 ta' Novembru 2023, illi " … *x'ħin ħarist fuq rajt għafsa kbira fuq is-saqaf u dak il-ħin ovvjament s'hemmhekk rajt … imbagħad x'ħin bdejt nimsaħha ħarġu il grief kollha li kien hemm fil-mudguard u fil-bonnet u whatever …*" (a fol. 67). PC 418 Jeremy Fenech ukoll ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi "*Il-ħsarat li rajt jiena meta rajt il-vettura kien hemm li kellu fuq is-saqaf; kellu għafsa naqra mhux ħażin kbira fuq is-saqaf tal-vettura. Meta rajna l-ħsarat aħna dak il-ħsarat biss konna rajna, tas-saqaf biss*" (a fol. 58). Jekk tali xhieda tal-Pulizija tista' tkun dubjuża dwar il-grif l-oħra li ġarrbet il-vettura tal-attur, Brady Micallef, li kien jaħdem bħala *surveyor* ma' Citadel Insurance fil-11 ta' Diċembru 2021, xehed fit-23 ta' Novembru 2023 illi "*Mela kien hemm daqqa fis-saqaf u grif fil-bonnet u fil-mudguard … front right*" (a fol. 63) u xehed ukoll fuq is-set tar-ritratti li jinsabu a fol. 22 sa 29 u anke a fol. 82 fid-dettall, li juru l-istess ħsarat li jidhru fis-sett tar-ritratti li jinsabu a fol. 38 sa 40. Neville Cassar, li jaħdem bħala sprayer u panel beater, xehed fl-24 ta' April 2024, illi "*… sprejajnielu s-saqaf, bonnet u mingħalija xi parti oħra, dan ilu sentejn ilu, sewwa? …*" (a fol. 92) b'dan ukoll li kkonferma illi l-*invoice*, fejn kopja tal-*invoice* tinsab a fol. 33, kienet maħruġa mill-kumpanija li jaħdem huwa magħha in konnessjoni max-xogħol li sar fuq il-vettura tal-attur. Neville Cassar ukoll xehed fil-

[1] 28 ta' Settembru 2017, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 951/2014

ġurnata hawnhekk imsemmija illi l-għatu "*…għadda bi żbrixx u ħakk … peress li hu tal-fibre l-materjal stress tiegħu jigref u għandek il-grif fuq is-saqaf u fuq il-bonnet…*" (a fol. 93). Il-konvenut ukoll xehed fit-3 ta' Lulju 2024 illi l-attur Malcolm Gatt kien infurmah meta sar jaf bl-inċident sabiex jinżel miegħu jara l-ħsarat ikkaġunati fuq il-vettura tal-attur u fejn il-konvenut xehed illi l-attur kien qallu li għandu għafsa fuq is-saqaf tal-vettura (a fol. 98). It-tielet, il-konvenut xehed fit-3 ta' Lulju 2024 illi l-għatu tiegħu biss kien nieqes (a fol. 101 u 102).

Għaldaqstant, it-Tribunal huma moralment konvint illi l-ħsarat ikkaġunati fuq il-vettura tal-attur Malcolm Gatt seħħew minħabba l-għatu tat-tank tal-ilma, liema għatu kien tal-konvenut.

Il-konvenut ittenta jgħid fix-xhieda tiegħu illi anke li kieku l-għatu tat-tank tal-ilma kien tiegħu, "*… jiena m'għandix tort għax din affarijiet tan-natura; u kien dak il-maltemp enormi li jekk bniedem jiċċekja anke siġar tqacctu f'dik il-ġurnata …*" (a fol. 98). F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal irid jirreferi għall-Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi illi "*Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.*" Dan it-Tribunal jirrileva li l-kelma jew turi illi l-kelma aċċident u forza maġġuri għandhom tifsira waħda. Skond il-ġurisprudenza tagħna, u dan fost oħrajn kif diskuss fis-sentenza ***Kevin Camilleri (K.I. 0024183M) v. Emanuel Grixti (K.I. 0128558M)***[2] "*biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' ommissjoni jew nuqqas) tal-bniedem [fn. 10 App.Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Elmo Insurance vs Joseph Micallef et]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, (sottolinear ta' din il-Qorti) b'mod li ma tistax tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal bonus pater familias." [fn. 11 P.A. 7.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet Micallef vs Belle McCance noe (Kollez. Vol: XXXVII.ii. 636)]. Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid ta' bilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu: "inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part." [fn. 12 Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509].*" F'dan il-każ, l-attur xehed fit-23 ta' Novembru 2013 illi "*…kienet naqra żgħira ħarira mxarrba dak inhar għax kien hemm ftit xita …*" (a fol. 72) pero' ma nġabet ebda prova li kien hemm xi xita li mhix tas-soltu. Fil-fatt, in kontro-eżami, il-konvenut xehed fit-3 ta' Lulju 2024, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 105, is-segwenti:

"*Dr Rose Galea Testaferrata: Meta ħriġt barra int ħadt xi umbrella miegħek?*
*Xhud: Le le.*"

[2] 12 ta' Ġunju 2020, Qorti tal-Appell, Ref.: 305/2015/1

F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal iqis illi l-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" B'dan illi pero' dan it-Tribunal jagħraf ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 559 tal-imsemmi Kodiċi illi jipprovdi illi "*Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*" Tali Artikolu kien hekk diskuss mill-Qorti diversement presjeduta fejn il-Qorti diversement presjeduta irriteniet diversi drabi, fosthom fis-sentenza ***Anthony Xerri (K.I. nru. 209398M) ('ir-rikorrent') vs. Claudette Spencer (K.I. nru. 307378M) u Domnic Spencer (K.I. nru. 443400L) ('l-intimati')***[3] illi "*mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib**.*" L-istess qal it-Tribunal diversement presjedut fejn fis-sentenza ***DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO***[4] ikkonkluda illi "*dak li hu importanti ghal-legislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali u/jew dokumentarja) tkun wahda rilevanti ghall-kaz trattat u li l-istess tkun l-ahjar wahda li l-parti tista' toffri jew tressaq.*" B'dan illi tali Artikolu pero' ma jistax jinftiehem illi t-Tribunal irid jidderiġi lill-partijiet xi provi jressqu għaliex tali kompitu huwa biss tal-partijiet tal-kawża għaliex inkella it-Tribunal ikun qed iżomm ma' parti jew oħra inġustament u b'dan illi dan it-Tribunal jista' biss imbagħad iħares lejn tali provi mingħajr ma jippreġudika d-dritt ta' xi parti jew oħra. Għaldaqstant, dan it-Tribunal jagħraf illi l-konvenut kellu l-obbligu li jġib rpvoa jekk ried jittenta juża l-eċċeżżjoni tal-forza maġġuri u l-maltemp. Biss pero', dan it-Tribunal jirrileva illi l-konvenut naqas milli jġib din il-prova.

Mhux talli ma kienx hemm accident jew forza maġġuri f'dan il-każ, talli it-Tribunal seta' jara li kien hemm nuqqas ta' diliġenza min-naħa tal-konvenut. Fil-fatt, PC 418 Jeremy Fenech xehed fit-23 ta' Novembru 2023 illi hu mar fuq il-post fil-11 ta' Diċembru 2021 u "*Tlajna fuq il-bejt u kien hemm tank li kellu l-għatu nieqes; kellu l- … fejn iżomm it-tank kellu waħda minnhom loose u waħda minnhom mitlufa, inqalgħet*" (a fol. 59). Il-konvenut ukoll xehed fit-3 ta' Lulju 2024 illi dan l-għatu kien biss jinqafel bil-fildiferru u biddel it-tank kollu sabiex ma jerġax iseħħ l-istess incident (a fol. 97 sa 107). Għaldaqstant, ġjaladarba il-konvenut m'użax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija, huwa responsabbli għal kwalunkwe danni sofferti mill-atturi u dai ai termini tal-Artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fuq dan il-punt in kwistjoni, dan it-Tribunal jikkonkludi illi ma kien hemm ebda aċċident jew forza maġġuri b'dan illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi. Fil-fatt, il-konvenut huwa ben konsapevoli ta' tali fatt fen fil-fatt huwa xehed fit-3 ta' Lulju 2024 illi "*Imma għedtilhom meta jiena kkonfermali l-plumber li t-tank hu tiegħi; u tant hu hekk li jien bdilt it-tank li ġibtu jingħalaq bl-għatu u mhux bil-*

[3] 18 ta' Settembru 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 39/2021
[4] 3 ta' Frar 2020, Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Ref.: 80/2019

*fildiferru l-antika biex żgur ma jerġax jiġrili dawn l-affarijiet għax jien responsabbilta' ta' l-affarijiet*" (afol. 102).

<u>Danni sofferti mill-atturi</u>
Ġjaladarba dan it-Tribunal ikkonstata illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi, dan it-Tribunal issa ser iqis l-ammont dovut f'danni mill-konvenut lill-atturi.

Skond l-avviż tat-talba, l-atturi sostnew illi l-ammont globali tad-danni sofferti huwa ta' seba' mija u wieħed u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 731.12) illi jikkonsisti f'sitt mija u sitta u sebgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 676.12) fir-rigward tal-ħsara diretta tal-vettura sabiex issewwiet u ħamsa u ħamsin Ewro (Eur 55) imħallsa mill-attur Malcolm Gatt bħala *excess* u ċioe' sabiex fetaħ il-*claim* mas-soċjeta' tal-assigurazzjoni sabiex tirranġalu l-ħsarat li kien hemm fuq il-vettura.

Skond l-ammont ta' sitt mija u sitta u sebgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 676.12), l-atturi ippreżentaw l-*insurance survey report* li jinsab a fol. 20 u 21. B'dan illi pero' l-ammont indikat huwa dak ta' sitt mija u disgħa u tmenin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 689.12). Brady Micallef, li kien surveyor ma' Citadel Insurance plc fi żmien meta l-vettura tal-attur ġarrbet ħsarat, ikkonferma meta xehed fit-23 ta' Novembru 2023, illi l-ammont kien ta' sitt mija u disgħa u tmenin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 689.12) (a fol. 63). Il-kopja tal-*invoice* a fol. 33 taqra wkoll l-ammont ta' sitt mija u disgħa u tmenin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 689.12). Neville Cassar, fl-24 ta' April 2024, ikkonferma illi din l-*invoice* kienet maħruġa mill-kumpanija li jaħdem huwa magħha in konnessjoni max-xogħol li sar fuq il-vettura tal-attur. Ir-rappreżentanza legali tal-atturi pero' iċċarat din id-diskrepanza fit-trattazzjoni finali fejn qalet illi "*…u nixtieq ngħid illi l-ammont li aħna nitolbu huwa inqas minn dik l-istima*" (a fol. 109). Għaldaqstant, dan it-Tribunal ser iżomm ferm mal-ammont ta' sitt mija u sitta u sebgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 676.12).

Fir-rigward tal-ammont tal-*excess* li huwa ta' ħamsa u ħamsin Ewro (Eur 55), l-atturi ppreżentaw kopja tal-irċevuta tal-imsemmi ħlas li tinsab a fol. 30 u l-attur Malcolm Gatt ukoll ikkonferma li ħallas dan l-imsemmi ammont lill-kumpanija tal-assigurazzjoni meta xehed fit-23 ta' Novembru 2023 (a fol. 69).

Tul is-smigħ tat-talba, deher ċar ukoll illi l-attur kellu jikri vettura oħra meta l-vettura tiegħu kienet għat-tiswija. F'dan ir-rigward, l-atturi ppreżentaw kopja tal-fattura tal-kiri tal-vettura li tammonta għal tnejn u erbgħin Ewro u żewġ ċenteżmi tal-Ewro (Eur 42.02) li tinsab a fol. 34 u 35 u kkonferma tali irċevuta l-attur Malcolm Gatt meta xehed fit-23 ta' Novembru 2023 (a fol. 70). B'dan illi ġjaladaraba l-atturi talbu l-ispejjeż kollha u ġie ppruvat illi il-ħsarat fuq il-vettura tal-attur kienu konsegwenza tal-konvenut, il-konvenut huwa wkoll obbligat li jħallas lill-atturi din l-imsemmija spiża.

<u>Spejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċjali 1195/2022</u>
L-atturi ippreżentaw kopja tal-imsemmija ittra li tinsab a fol. 36 u 51 u anke nota kontenenti kopja tal-irċevuta tal-imsemmija ittra li tinsab a fol. 78. Dan it-Tribunal innota wkoll illi l-konvenut ma kkontestax l-awtentiċita′ tal-imsemmi dokument. Għaldaqstant, tali ittra għandha titqies valida u l-konvenut huwa obbligat li jħallas tali spejjeż.

<u>Imgħax</u>
Fir-rigward ta′ dan l-ammont dovut mill-konvenut lill-atturi, l-atturi qed jitolbu l-imgħax. F′dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta′ Malta. F′dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta′ natura kummerċjali fir-rigward tas-soċjeta′ attriċi iżda ma hix ta' natura kummerċjali fir-rigward tal-attur Maclolm Gatt skond il-Liġi Maltija. L-atturi qed jitolbu illi l=imgħax legali jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali 1195/2022 u ċioe′ mit-23 ta′ Mejju 2022 sad-data tal-ħlas effettiv. Għaldaqstant, l-atturi qed jitolbu li għandu japplika is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi, u liema artikolu jipprovdi illi "*F′kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b′att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*" S.L. 12.12 jagħti definizzjoni ta′ att ġudizzjarju fejn tipprovdi illi ""*att ġudizzjarju" tfisser kull att jew skrittura preżentata fir-reġistru, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord f′Malta, u kull att jew skrittura preżentata, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord barra minn Malta, li tista′, bis-saħħa ta′ xi liġi jew trattat, tiġi notifikata lil xi persuna f′Malta, iżda ma tinkludix il-mandati u l-ordnijiet imsemmija fit-Titolu VII tat-Tieni Ktieb ufit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi.*" Għal kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi filwaqt illi huwa minnu illi liġi sussidjarja trid tkun interpretata fl-ambitu tal-Att ewlieni illi taħtu tkun saret il-liġi sussidjarja, kemm il-Kap. 12 kif ukoll l-Kap. 16 jirregolaw iċ-ċivil, fejn il-Kap. 12 jitkellem fuq il-proċedura u l-Kap. 16 jitkellem fuq is-sustanza, b′dan illi t-tnejn li huma wkoll jitkellmu fuq l-istess prinċipju; l-att ġudizzjarju b′dan illi l-liġi sussidjarja 12.12 tista′ tkun applikata f′termini ta′ definizzjonijiet għall-Kodiċi Ċivili. F′dan il-każ, l-atturi ppreżentaw estratt mir-Reġistru li juri illi l-konvenut kien innotifikat b′din l-ittra uffiċjali li għandha titqies illi hija att ġudizzjarju skond din id-definizzjoni tal-Liġi fis-27 ta′ Mejju 2022 (a fol. 37).[5] Fir-rigward tal-persentaġġ, l-imgħax ta′ tmienja fil-mija (8%) fis-sena hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f′dan il-każ.

---

[5] Vide ***MICHAEL DEBONO LIMITED VS. CARMELO CATANIA*** (13 ta′ Jannar 2023, Prim′Awla Qorti Ċivili, Ref.: 725/2022) fejn il-Qorti qieset minn meta jibda jiddekorri l-imgħax

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-atturi għall-ammont ta' seba' mija u wieħed u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 731.12) rappreżentanti danni sofferti mill-attur Malcolm Gatt fuq il-vettura tiegħu MLC-582 assiguarata mis-soċjeta' attriċi Citadel Insurance plc liema danni kienu mħallsa mill-atturi u dan minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u/jew non-osservanza ta' regolament min-naħa tal-konvenut kif ukoll l-ispejjeż in konnessjoni mar-renta tal-vettura fl-ammont ta' tnejn u erbgħin Ewro u żewġ ċenteżmi tal-Ewro (Eur 42.02) u l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċjali 1195/2022 kif ukoll l-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tan-notifika tal-konvenut fit-23 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv fuq l-ammont globali hawnhekk indikat u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas tali ammont ta' danni u spejjeż hawnhekk imsemmija lill-atturi.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a karigu tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur